MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 166/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera CATERPILLAR, Inc., inkorporata taht il-ligijiet tal-Istat ta` Delaware, Stati Uniti tal-Amerika, bl-ufficcju principali li jinsab f`100 NE Adams Street, Peoria, Illinois 61629-9620, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami LL.D. u P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-intimata Altawareg. Co. ta` Airport Street, Benghazi, Libja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Is-socjeta` attrici CATERPILLAR, Inc., maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f`Malta, *inter alia* in konnessjoni ma` artikli ta` lbies, konsistenti f`T Shirts, hija proprjetarja ta` diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni ma` l-istess;

2. B`hila u b`invenzjoni, kif ukoll b`hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-trademarks taghha;

3. Fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha registrata f`Malta, b`effett mid-9 ta` Ottubru, 1997 it-*trademark* bin-numru ta` registrazzjoni 27724 – "CAT" rapprezentata b`mod figurattiv partikolari (dwar prodotti ta` lbies fost ohrajn);

4. Fost ohrajn ukoll, is-socjeta` attrici ghandha validament rregistrati bhala *Trademarks Komunitarji* (CTM) b`effett mit-28 ta` Jannar, 1999 u applikabbli ghal Malta b`effett mill-1 ta` Mejju, 2004, il-kelma "CAT" rapprezentata b`mod figurattiv partikolari (numru 001063296) kif ukoll il-kelma "CATERPILLAR", rapprezentata b`mod figurattiv partikolari (numru 001062892) u dan f`kull kaz *inter alia* dwar prodotti ta` lbies konsistenti f`T-Shirts, u in konnessjoni mal-istess;

5. Is-socjeta` attrici hija *"detentrici ta` dritt"* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta` l-Edizzjoni Riveduta ta` l-Ligijiet ta` Malta), u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken agains goods found to have infringed such rights,* biex b`hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikli 2(1)(a), 4 u 8 (1) tal-istess Kap. 414 u fl-Artikli 2 1 (a), 10, 16 u 17 tal-istess *Council Regulation (EC) No. 1383/2003* fost ohrajn;

6. Ricentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-Kap. 414 u fl-Artiklu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 2006807 kontenenti T-shirts li fuqhom hemm zewg sinjali partikolari “GTA” u li ghandhom tikketta (tag) annessa maghhom fejn jidher l-isem “Caterpillar Inc.” miktub fuq naha wahda u sinjali konsistenti fil-kelma “GAT” rapprezentanta b`mod figurattiv partikolari fuq in-naha l-ohra, oltre ghal materjal ta` ippakkettjar relattiv kontenenti l-kelma “GAT” rapprezentata darbtejn b`mod figurattiv partikolari, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta ALTAWAREG. CO. skond kif indikat fuq il-polza ta` karigu relattiva, u l-istess Kontrollur tad-Dwana gharaf lis-socjeta` attrici (debitament registrata mieghu bhala *detentrici ta` dritt*) b`din is-sejba f`cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-investigazzjonijiet opportuni minn naha taghha dwar jekk l-oggetti in kwistjoni jikkontravvjenu drittijiet dwar proprjeta` intellettwali taghha;

7. Is-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-18 ta` Jannar, 2007 u, wara li ezaminat kampjuni u ritratti elettronici taghhom mghoddija lilha mill-Kontrollur tad-Dwana, indikat lilu li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali;

8. Effettivament, l-oggetti lkoll mertu ta` din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-socjeta` attrici bhala b`kollox erbat elef hames mija u erbghin (4540) T-Shirts, (kull wahda nkludenti t-tikketti u l-materjal ta` ippakkettjar relattiv kif hawn qabel deskritti), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici;

9. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet rilevanti ta` ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta` dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artiklu 9 1 tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark,* kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar *it-*

*Trademarks* (Kap. 416), tal-artiklu 76A(1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;

10. Wara li s-socjeta` attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, gie lill-istess socjeta` attrici prefiss terminu sal-15 ta` Frar, 2007 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

11. L-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

12. Nonostante li, permezz ta` ittra datata 29 ta` Jannar, 2007, il-konvenuta giet interpellata sabiex tieqaf u tiddezisti mill-agir abusive u llegali taghha u taghmel dak kollu mehtieg sabiex ma jigux lezi l-jeddijiet tas-socjeta` attrici, l-istess konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

13. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara li l-oggetti u cioe` it-T-shirts li fuqhom hemm zewg sinjali partikolari "GTA" u li ghandhom tikketta (tag) annessa maghhom fejn jidher l-isem "Caterpillar Inc." miktub fuq naha wahda u sinjali konsistenti fil-kelma "GAT" rapprezentata b`mod figurattiv partikolari fuq in-naha l-ohra, oltre ghall-materjal ta` ippakkettjar relattiv kontententi il-kelma "GAT" rapprezentata darbtejn b`mod figurattiv partikolari, liema oggetti jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx ta` l-container ECMU 2006807 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici;

2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti `l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li

jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta` - l-konvenuta;

3. tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 29 ta` Jannar, 2007, kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-digriet tat-8 ta` Novembru, 2007 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici biex jirraprezentaw lis-socjeta` Altawareg Co.

Rat ir-risposta ta` l-imsemmija Kuraturi Deputati fejn dawn qalu li:

Huma m`humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba huma jigu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti kif dedotti fir-rikors promotur gew pruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u ma gew kontradetti bl-ebda mod.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi;

1. tilqa` l-ewwel talba.

2. tilqa` t-tieni talba u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana biex fi zmien xahar ta` meta jigi notifikat, a karigu tar-rikorrenti, b`kopja legali ta` din is-sentenza, jiddistruggi l-merkanzija imsemmija. Il-Qorti tordna lill-istess kontrollur biex fi zmien hmistax il-gurnata mill-imsemmija distruzzjoni jipprezenta nota fl-atti ta` din il-kawza li biha jinforma l-Qorti li d-distruzzjoni ordnata tkun sehhet.

3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

4. tilqa` r-raba` talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata b`dana illi provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu mir-rikorrenti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------